**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 79/2018 NL**

**Blanche Gatt**

**Vs**

**Dr. Paul Borg Olivier noe**

Illum it-2 ta' Novembru 2021

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tar-rikorrent ppresentat nhar il-4 ta' April 2018 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lil-intimati s-segwenti:

*"u tghid il-ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannata li thallas lill-attrici s-somma ta' tnax -il elf, mija u tnax il-Ewro u hamsa u sebghin centezmi (€ 12,112.75), somma mislufa lill-konvenuta mill-ante causa tal-attrici Anna Gatt u Mariucca Lowell li l-attrici flimkien mal-erba' hutha huma l-werrieta."*

Rat in-nota ta' l-Avukat Dr. Paul Borg Olivier li permezz taghha accetta l-bandu sabiex jirrapprezenta lill-assenti Caroline Gatt, kif awtorrizat li jaghmel mill-istess assenti.[1]

Rat ir-risposta ta' Dr. Paul Borg Olivier noe fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *Illi in linea preliminari, l-azzjoni hija intempestiva u dan ghaliex skond il-kuntratt ta' self tat-13 ta' Mejju 2005, l-intimata kellha thallas lura s-soma, bla imghax sal-31 t' Lulju 2019 b'rati mensili ta' €372 (Wara li l-intimata tibda tahdem) u li f'Dicembru 2017 hija kienet hallset dak li kien dovut sa Mejju 2017, u ghaldaqstant ma ddekorrewx it-tnax-il xahar arretrati skond l-ahhar klawsola tal-kuntratt*
2. *Illi ghalhekk ukoll in linea preliminari l-kawza hija frivola u vessatorja*
3. *Illi fil-mertu, it-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont kif mitlub mill-attrici huwa ferm aktar minn dak dovut bhala bilanc tas-self originali.*
4. *Illi mid-dicitura tal-avviz jidher li l-attrici qed titlob ghal somma (dik imsemmija fl-avviz) li minnha ghandha sehem biss ta' kwint indiviz fuq l-istess somma mitluba.*
5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-bilanc dovut fuq is-self originali mill-ante causa tal-attrici, ta' l-intimata u ta' huthom l-ohra lill-istess bilanc ma jeccedix is-somma ta' disat elef Euro (€9,000) rapprezentanti bilanc tas-somma ikbar, fis-sehem ta' wiehed minn hamsa (1/5) spettanti lill-attrici fi kwota indaqs ma' hutha tant li kienu l-istess erei ohra li accettaw l-ammont inqas minn dak li qed titlob l-attrici.*
6. *Illi bla pregudizzju ghas-susespost ukoll, l-istess attrici kellha diversi self brevi manu maghmulha mal-istess ante causa genituri, liema debitu illum jifforma parti mill-eredita' bhala kreditu dovut lill-istess intimata u hutha u li baqa' ma*

[1] Folio 8 ta' l-atti processwali

*thallasx mill-attrici u li ghalhekk l-intimata hija minn issa tirrizerva d-drittijiet taghha ghal azzjoni kontra l-attrici ghall-hlas ta' dan id-dejn.*

7. *Illi minkejja li t-terminu ta' self ghadu ma skadiex, l-intimata offriet is-somma ta' disat elef Euro (€9,000) bhala s-sehem tal-attrici. Din l-offerta saret sia qabel il-kawza kif ukoll fil-mori tal-kawza bhala saldu ta' kull pretensjoni, liema somma ma gietx accettata mill-attrici u in vista ta' dan l-intimata kontestwalment ma' din ir-risposta prezentat fir-Registru tal-Qorti is-somma ta' disat elef Euro (€9,000) sabiex filwaqt li tissalvagwardja l-interessi taghha dan l-ammont ikun jista' jigi liberament moghti lill-attrici.*
8. *Illi in vista tas-suespost l-intimata ma ghandhiex tkun responsabbli mill-ispejjez ta' din l-azzjoni.*
9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat illi waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019, r-rikorrenti iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu.[3]

Rat illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex jigu ddikjarati maghluqa l-provi ta' l-intimata.[4]

Rat illi sussegwentement, b'rikors tal-intimata tas-7 ta' April 2021, u b'digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' April 2021, il-Qorti awtorizzat lill-intimata tressaq il-

[2] Folio 49 ta' l-atti processwali
[3] Folio 35 ta' l-atti processwali
[4] Folio 56 ta' l-atti processwali

provi kollha f'seduta wahda, u sabiex isiru l-kontroezamijiet kollha fl-istess seduta.[5]

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Il-Qorti rat l-affidavit ta' l-attrici Blanche Gatt esebit nhar l-10 ta' Jannar 2019.[6]

Il-Qorti rat l-affidavit ta' Jennifer Gatt esebit mill-attrici nhar l-20 ta' Mejju 2019.[7]

Rat in-nota ta' l-attrici Blanche Gatt li biha pprezentat diversi dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok BG1, Dok BG2, Dok BG3 u Dok BG4.[8]

Rat id-dokumenti esebiti mill-attrici.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2021.

---

[5] Folio 82 tal-process
[6] Folio 21-25 ta' l-atti processwali
[7] Folio 30-32 ta' l-atti processwali
[8]Folio 36-44 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi mill-fatti tal-kaz irrizulta, illi Caroline Gatt kienet inghatat self minghand ommha Ann Gatt u minghand nannitha Mariuccia Lowell. Dan jirrizulta minn kuntratt ta' self tat-13 ta' Mejju 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri ezebit bhala Dok. BG2[9]. F'dak il-kuntratt, l-intimata Caroline Gatt iddikjarat u qablet li hija rceviet b'kollox Lm26,000 – u cioe' - €60,563.62. Mill-istess kuntratt jirrizulta li s-self nghatalha sabiex takkwista proprjeta' personali ghaliha gewwa l-Belt Valletta.

Fl-istess kuntratt, l-intimata Caroline Gatt kienet intrabtet b'dan il-mod:

*"The Debtor binds herself to repay the full loan of Lm26,000 to the Creditors who accept by means of monthly consecutive and uninterrupted installments of no less than one hundred Maltese liri (Lm100) each so long as the Debtor is not regularly employed and by means of monthly installments of not less than one hundred and sixty Maltese Liri (Lm160) each when the Debtor becomes regularly employed or has a secure fulltime income. The first repayment installment shall be due on the thirty first (31st) January of the year two thousand and six (2006)."*

Fl-istess kuntratt ikompli jinghad illi "*Should the Debtor fail to pay twelve consecutive monthly installments or be in arreaers in an equivalent amount, then the Debtor shall lose the right of payment by installments and the whole balance of loan will immediately become due and payable*".

[9] Fol. 38 et sequitur

Issa dak li qed titlob l-attrici, ossija s-somma ta' €12,112.75, huwa precizament kwint tal-kreditu shih indikat fl-att ta' self tat-13 ta' Mejju 2005. Evidentement, dan il-kwint qed jinhadem in kwantu l-attrici hija wahda fost hames ahwa, u ghalhekk, gjaladarba kemm il-kreditrici Anne Gatt kif ukoll zewgha Peter Gatt gew nieqsa, l-attrici qeghda titlob kwint ta' dak l-istess kreditu. [10] Mill-atti pubblici ta' dikjarazzjoni causa mortis, jirrizulta li l-attrici Blanche Gatt hija werrieta ta' kwint mill-eredita' ta' missierha l-Maggur Peter Gatt. L-attrici ma ressqet ebda prova li hija werrieta ta' kwint mill-eredita' ta' ommha Anne Gatt, li kienet wahda mill-kreditrici fuq l-att ta' self tal-2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri.

Di piu', l-attrici ma ressqet ebda prova dwar x'konnessjoni ghandha mal-eredita' ta' nannitha Mariuccia Lowell. Mhux car jekk bint Lowell, il-kreditrici l-ohra Anne Gatt, wirtitx lil ommha fis-shih, jew kienx hemm persuni ohra li wirtu sehem minn dak il-kreditu, jew jekk inkella wirtux lil nannithom direttament l-attrici, l-intimata, u l-bqija tal-ahwa Gatt. Ghal dan kollu, l-attrici ma tressaq ebda prova. Anke dwar Mariuccia Lowell, din il-Qorti tista' biss tippresumi li hija giet nieqsa, in kwantu jirrizulta li twieldet fl-1914, u ghalhekk kieku llum ghandha 107 snin. Il-Qorti tifhem ukoll li giet nieqsa meta fl-affidavit taghha, Blanche Gatt tghid li huma wirtu d-dar ta' nannithom wara li mietet fl-2012, izda ma giet ezebita ebda dokumentazzjoni biex jigi pprovat li n-neputijiet kienu l-eredi ta' nannithom Mariuccia Lowell.

Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid li "*[a]lthough the loan was granted out of monies belonging to my mother and her own mother, that is my grandmother, my father had authority over these monies and it was he who would ultimately decide in favour or*

---

[10] Kif jirrizulta dikjarat fl-att ta' dikjarazzjoni causa mortis tas-16 ta' April 2015 fl-atti tan-Nutar Francesca Schwalbe u dak ta' dikjarazzjoni causa mortis addizzjonali tal-14 ta' Dicembru 2016 fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi

*against the granting of this loan, once that my mother and grandmother had no objection"*.[11] L-attrici tkompli tghid li *"[n]o part of this loan had been paid back"*[12]. Fl-istess nifs, pero', hija tghid li hija ma tistax tghid xi thallas, ghax ghalkemm talbet kopji ta' ricevuti u fittxet il-file li kien fih din l-informazzjoni, la nghatat kopji ta' ricevuti, u lanqas sabet il-file in kwistjoni.

Madankollu, il-konvenuta jidher li taqbel li l-attrici ghandha dritt ghal kwint tal-kreditu dovut skond il-precitat att ta' self, u dan kif jidher mir-raba' u l-hames eccezzjoni fir-risposta tal-intimat nomine.[13] Barra minn hekk, oht il-kontendenti Jennifer Gatt, xehdet ukoll permezz ta' l-affidavit fejn tiddikjara illi hija u hutha l-ohra (ghajr ghall-attrici) kellhom jircievu s-somma ta' €9,000 ghas-saldu tal-kreditu dovut lilhom mill-kuntratt ta' self tal-2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri. Ix-xhud tispjega li mill-ammont dovut lilha, tnaqqsulha xi ammonti rapprezentanti prezz ta' ghamara li x-xhud xtrat minghand ohtha l-intimata, kif ukoll ammont iehor li ddecidiet l-intimata bhala kumpens talli l-istess Jennifer Gatt (flimkien ma' Blanche Gatt) kienu dahhluha l-Qorti dwar xi qasma ta' proprjeta' mobbli. Ix-xhud tghid li hija ma riditx tibqa' tikkustinja ma' ohtha Caroline Gatt, u ghalhekk accettat is-somma, li pero' tikkonferma li originarjament kellha tkun €9,000. Hija tghid li qatt ma vverifikat il-bilanc preciz dovut lilha, u ghalhekk ma tafx jekk kellhiex tircievi €9,000 jew aktar, u l-intimata qatt ma ggustifikat ghalxiex is-somma kienet €9,000 u mhux €12,000.

Tajjeb jinghad li fix-xhieda taghha l-intimata Caroline Gatt tispjega li meta regghet ikkalkolat l-ammonti kollha li hija kienet hallset lil ommha Mary Ann

---

[11] Fol. 22
[12] *Ibid.*
[13] Fol. 16-17

Gatt u lil nannitha Mariuccia Lowell, irrizultalha li l-bilanc dovut lill-attrici jekk xejn huwa ta' €7,927 u mhux €9,000 – wisq anqas dak li qed titlob l-attrici.

Fi kliem l-intimata in kontroezami, *"I never said that I do not owe* [recte] *any monies…"*[14]. Madankollu, l-attrici ma jidhirx li tikkontesta l-kalkolu li ghamlet l-intimata, li min-naha tiggustifika l-ammont li issa qed taccetta bhala dovut bil-kliem *"I had also offered through Dr. Borg Olivier to pay her the €9,000 which I thought were due at that time and which now I learnt that it is actually less."*[15]

L-intimata pprezentat kopji ta' *bank statements* li juru trasferimenti favur Mary Rose Gatt (ommha) u nannitha Mariucca Lowell. Meta wiehed jikkalkula t-total ta' dawn it-trasferiment, u jiddividi l-bilanc bejn hamsa, jifdal bilanc ta' €7,927.40. Biex waslet ghal dan l-ammont, l-intimata qed tghodd ukoll il-hlas ta' €500 li hija ghamlet ghax-xiri ta' siggu specjali ghal missierha d-defunt Peter Gatt.

Madankollu din il-Qorti ma tqisx li dan l-ammont gie debitament ipprovat – wisq anqas jinsab provat li l-hlas ghal dan is-siggu da parti tal-intimata kellu jittiehed bhala akkont tad-dejn dovut minnha. Ghalhekk, dan l-ammont mhuwiex ser jigi kkunsidrat minn din il-Qorti bhala hlas akkont tad-debitu dovut mill-intimata, biex b'hekk, jekk xejn, l-ammont li jista' jkun dovut minnha skond il-kalkoli taghha stess ghandu jaqra fis-somma ta' €8,027.40.

**Ikkunsidrat**

[14] Folio 87 tal-atti processwali
[15] Ibid.

Huwa principju accettat li huwa l-attur f'kawza li jrid jipprova t-talba tiegħu biex din tiġi milqugħa. Dan mhux biss skond id-dispost tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi **Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella,** Appell Inf., 2 ta' Mejju 1995).

Fl-ahhar sentenza hawn citata, il-Qorti tghallem li "*l-attur f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti tagħmel ix-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova.*" Huwa principju rassodat li l-mera possibilita' mhijiex sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita' civili (**Frank Giordmania Medici et noe vs William Rizzo et**, (PA (NC), 28 ta' April 2004).

Proprju ghalhekk ir-rikorrenti kienet fid-dmir, la darba qed tallega li l-konvenuta ghandha thallasha s-somma ta' €12,112.75, li tressaq l-ahjar prova biex turi kif hi wirtet sehem mill-kreditu mertu ta' din il-kawza, u li minn dan is-sehem ta' kreditu ma thallas xejn.

Kemm-il darba din il-prova ma tingiebx, il-Qorti ftit ikollha fuq xiex tistrieh biex tilqa' t-talbiet attrici.

Huwa nuqqas tar-rikorrenti li tressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**) u li din il-provatkun wahda konkreta ta' dak li qeda tallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013). Detto questo, dan ma jfissirx li l-provi migjuba mir-rikorrenti ghandhom jigu skartati, altru milli hekk.

Il-Qrati taghna jghallmu li "*[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg*

*versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,* ***ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*"** (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319).

Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li *"[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."* Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih matkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". (*Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-

gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Issa f'dan il-kaz, zgur li ma jistax jinghad li l-attrici gabet l-ahjar prova disponibbli lilha. Hija setghet facilment iggib il-provi dokumentarji necessarji biex tispjega n-ness bejn is-sehem ta' kreditu pretiz minnha, u l-kredituri originali li deheru fuq l-att ta' self tal-2005. Barra minn hekk, kien imbaghad jinkombi fuq il-konvenuta li ggib prova li s-sehem gie mhallas, almenu in parti.

Issa l-kontendenti jidher li jaqblu li l-attrici hija kreditrici tal-intimata. Tant hu hekk, li kulhadd jaqbel li l-intimata offriet, diversi drabi, is-somma ta' €9,000, u kienet l-attrici li rrifjutat dan l-ammont ghax pretendiet is-sehem shih mill-kreditu. Ghalkemm fit-tielet eccezzjoni taghha, l-intimata tghid li l-ammont mitlub huwa "*ferm iktar minn dak dovut bhala bilanc tas-self originali*"[16] u li dan il-bilanc ma jeccedix is-somma ta' disat elef Euro (€9,000)[17]

Gjaladarba kienet il-konvenuta li eccepiet il-hlas in parte, kien jinkombi fuqha li ggib il-prova ta' dak il-hlas. Issa l-konvenuta gabet prova ta' hlasijiet li hija effettwat lil ommha u lin-nanna taghha qabel gew nieqsa, kif ukoll hlas li ghaddiet lil missierha. Ma giex kontestat li dawn il-hlasijiet saru akkont tal-kreditu dovut lilhom. Lanqas ma gie kontradett li b'hekk is-somma dovuta lill-attrici (salv ghall-€500 rapprezentanti hlas ta' siggu specjali ghad-defunt Peter Gatt) hija dik kif kalkolata mill-intimata.

---

[16] Ara t-tielet eccezzjoni
[17] Ara r-raba' eccezzjoni

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi t-talba attrici billi, filwaqt li tilqa' in parti l-hames eccezzjoni tal-konvenuta, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, u konsegwentement tilqa' t-talba attrici in parti, u tikkundanna lill-konvenuta Caroline Gatt sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef u sebgha u ghoxrin Euro u erbghin centezmu (€8,027.40), bl-imghaxijiet mid-data tal-avviz promotur sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenuta u kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**